# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum il-Gimgħa 3 ta' Novembru, 2023

**Rikors Ġuramentat Nru.: 764/21 MH**

**Numru : 1**

**Lorraine Falzon, Matthew Pace u Zenith Finance Limited**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Kenneth Farrugia u Elena Tabone tat-22 t'April 2022**[1] permezz ta' liema talbu lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tad-19 t'April 2022 ai termini ta' liema awtorizzat il-ħruġ tal-mandat ta' taħrik

[1] Fol 50 et seq

ta' xhieda fil-konfront tagħhom u sabiex teżentahom milli jixhdu u dan taħt kull provvediment ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.

Ir-rikorrenti opponew din it-talba filwaqt li l-intimati rrimettew ruħhom.

Rat li fit-8 t'April 2022 ir-rikorrenti Lorraine Falzon intavolat Mandat għat-taħrik ta' xhieda fil-kawża odjerna permezz ta' liema hija talbet li jitħarrku b'xhud Kenneth Farrugia u Elena Tabone. Din it-talba ġiet akkordata mill-Qorti fid-19 t'April 2022.

Rat li fir-rigward ta' Kenneth Farrugia t-talba saret sabiex jixhed dwar l-involviment tiegħu u tal-FIAU u dwar fatti magħrufa lilu fir-rigward ta' nvestigazzjoni li għamlet l-FIAU bir-referenza 474759/16 u sabiex jesebixxi diversi dokumenti elenkati fl-istess taħrika.

Rat li fir-rigward ta' Elena Tabone t-talba saret sabiex tixhed dwar l-involviment tagħha u tal-FIAU u dwar fatti magħrufa lilha fir-rigward ta' nvestigazzjoni li għamlet l-FIAU bir-referenza 474759/16 u sabiex tikkonferma x-xhieda li hija tat quddiem il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021 fil-kumpilazzjoni tal-kawża kriminali kontra r-rikorrenti.

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2022[2] - wara li ngħataw żewġ provvedimenti marbuta ma' rikorsi mressqa mill-Avukat Ġenerali u minn żewġ spetturi tal-Pulizija - l-Qorti dderiġiet lir-rikorrenti fir-rigward tal-inġunzjoni li ħarġet għar-rappreżentanza tal-FIAU fejn talbithom jirregolaw ruħhom fir-rigward. Dan bil-konsegwenza li l-Qorti tiddisponi mir-rikors tar-rappreżentanti tal-FIAU wara li tieħu konjizzjoni u tifhem ir-rikorrenti x'informazzjoni jridu

[2] Fol 554

mingħand l-istess kif ukoll bil-premessa li tali nformazzjoni trid tkun possibbli u rilevanti għall-istess vertenza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Kenneth Farrugia u Elena Tabone u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.
Rat li r-rikors tħalla għall-lum għall-provvediment.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Kenneth Farrugia u Elena Tabone qegħdin jopponu għat-taħrika ta' xhieda in eżami stante li fil-fehma tagħhom huma ma jistgħux jixhdu quddien din il-Qorti. Huma jsostnu li wħud mid-dokumenti mitluba huma estranei għall-proċess amministrattiv tal-Korp fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti kif ukoll li ix-xhieda tagħhom hija rrilevanti għall-każ għax l-operat tal-korp mhuwhiex mertu tal-kawża in kwantu l-operat tal-Korp mhuwhiex mertu tal-kawża.

Fi kwalunwke każ huma jiċċitaw l-artikolu 34 tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta) u li a bażi tiegħu jsostnu li huma preklużi milli jottempraw ruħhom mal-Ordni tal-Qorti biex jagħtu x-xhieda tagħhom kif mitlub.

**L-artikolu 34 tal-Kap 373** jipprovdi hekk -

*(1) Il-Korp, u l-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tiegħu, sew jekk ikunu għadhom fis-servizz tal-Korp sew jekk le, għandhom jittrattaw kull informazzjoni u dokument li huma jiksbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att bħala kunfidenzjali, u ma għandhom jikxfu ebda informazzjoni jew dokument li jkollhom x'jaqsmu mal-affarijiet tal-Korp*

*jew ta' xi persuna, li huma jkunu kisbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ħlief:*

*(a) meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;*

*(b) għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att;*

*(ċ) quddiem xi qorti jew tribunal kompetenti fi proċedimenti ta' appell li jkunu saru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, jew fi proċedimenti li l-Korp ikun parti fihom għall-fini tal-infurzar ta' xi piena imposta mill-Korp taħt dan l-Att; u*

*(d) fil-forma ta' ġabra ta' data jew informazzjoni statistika oħra, li fl-opinjoni tal-Korp ma twassalx għall-identifikazzjoni ta' xi persuna speċifika u li ma tippreġudikaebda analisi jew investigazzjoni."*

Il-Qorti tibda billi tirrileva li jekk interpretat b'mod ristrett u iżolat, dan l-artikolu jista' jagħti raġun lit-teżi ta' Kenneth Farrugia u Elena Tabone.

Madankollu jiġi sottolineat fl-ewwel lok u in linea ta' prinċipju ġenerali li fis-saltna tad-driit, l-ebda fergħa tal-Istat ma hi ogħla mill-iskrutinju tal-Qrati fejn u sa liema grad hu meħtieġ sabiex issir ġustizzja. Di piu' l-Istat għandu l-obbligu li f'kull ħin jaġixxi b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inkluż fil-liġijiet promulgati minnu, sakemm ma jkunx ġie espressament eżentat milli jagħmel dan f'ċirkustanzi speċifiċi

Anke jekk mhux f'kuntest identiku għal dak odjern, il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **L-Avukat Dr. Lynn Zahra vs. Il-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja noe deċiża fit-13 t'Ottubru 2016** fejn ingħad hekk -

*"14. Illi jibda biex jinghad f'dan ir-rigward li s-sub-artiklu 14 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi s-segwenti:*
*"Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda qorti";*

*15. Illi pero`, nonostante il-posizzjoni kategorika mehuda fis-sub-artiklu fuq citat, issir referenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), fl-ismijiet* ***L-Imhallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *datata l-5 ta' Gunju, 2014, liema decizjoni ticcita ukoll b'approvazzjoni s-sentenza* ***L-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale vs. L-Onorevoli Prim Ministru et****, deciza fid-29 ta' Jannar, 1999, fejn b'referenza ghall-artiklu 101A (14) tal-Kostituzzjoni riferit fil-paragrafu precedenti rriteniet is-segwenti:*

*"Fi stat ta' dritt hadd ma hu fuq il-ligi, u l-kummissjoni mwaqqfa taht il-ligi biex hi wkoll thares il-ligi, tkun hielsa minn skrutinju mill-Qrati fil-kaz biss li s-setghat taghha tinqeda bihom skont il-ligi, jekk tmur lil hemm minn dawn is-setghat u tfassal principli anti-kostituzzjonali, tkun kisret il-ligi u l-Qrati – l-organu fdat bid-dmir li jara li l-ligi tithares – iharsu dak li tkun ghamlet hazin";*

*16. Illi minn ezami tad-dispozizzjonijiet Kostituzzjonali li jiddeterminaw il-libertajiet fundamentali tal-bniedem, ma jirrizulta li hemm xejn li jezenta lill-Kummissjoni mill-iskrutinju gudizzjarju fir-rigward;*

*17. Illi in fatti fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Grace Sacco vs. Onorevoli Prim Ministru et****, datata -17 ta' Settembru, 2013, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet is-segwenti f'sitwazzjoni analoga rigwardanti l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta ezaminat jekk din il-Kummissjoni kienitx qdiet validament il-funzjonijiet taghha skont il-Kostituzzjoni:*

*"Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitlu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali"*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament il-Qorti għalhekk tqis li l-artikolu 34 tal-Kap 373 jeħtieġ ukoll jiġi nterpretat fl-ambitu tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni fejn allura, sabiex il-Qrati jagħtu ġudizzju dwar allegat ksur ta' dawn id-drittijiet, huma għandhom il-poter bl-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni li jesiġu l-provi kollha meħtieġa għal dan il-għan. Dan fih innifsu ssib isib il-fundament fil-prinċipju ta' smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostutzzjoni u 6 tal-Konvenzzjoni.

Ferm il-premess il-Qorti pero' tissottolinea wkoll li dak li appena ngħad irid jiġi attwat fil-kuntest biss tat-talbiet kif imressqa fil-kawża odjerna. Xejn aktar u xejn anqas. Il-mertu tal-kawża odjerna huwa mibni fuq l-istitut tan-*ne bis in idem* li dwaru sintetikament, ingħad hekk mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Mario Scicluna pro te noe vs Avukat Ġenerali et deċiż fil-31 ta' Mejju 2023 -**

*"20. Dak imħares bl-Artikolu 4 tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea huwa li persuna ma titressaqx mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġà għaddiet proċeduri penali (jew proċeduri li jistgħu jitqiesu fin-natura tagħhom bħala tali),*

*kemm jekk instabet ħatja u kemm jekk inħelset, u li jkunu ntemmu b'sentenza li għaddiet in ġudikat."*

Fl-istess sentenza ingħad ukoll li -

*"Din il-Qorti diversament preseduta gja kellha opportunita' tistharreg sewwa u b'mod meqjus dan l-Artikolu tal-Kostituzzjoni, u fil-kawza* ***Francis Vella vs Avukat Generali*** *, il-Qorti qalet hekk:*

*Illi huwa wkoll stabilit li l-prinċipju ta' ne bis in idem imħares flartikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-res judicata li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili.*

*Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, mir-rikors promotur jirriżulta li r-rikorrenti jallegaw li l-fatti li dwarhom inbdew proċeduri kriminali kontrihom fl-20 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Pace et' huma l-istess fatti u l-istess persuni naturali li dwarhom huma ġew ikkundannati jħallsu l-penali amministrattiva mill-FIAU permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2018 kif konfermata b'ittra tal-20 ta' Ġunju 2018 wara li kien skada t-termini t'appell.

Jirriżulta wkoll li dak li qed jintalab mir-rikorrenti huwa dikjarazzjoni (fl-ewwel talba) li l-proċeduri kriminali istitwiti fl-20 ta' Marzu 2021 qed jilledu d-dritt tagħhom li ma jiġux proċessati jew ikkastigati darbtejn, 'l hekk imsejjaħ double jeopardy,  u dan ai termini tal-artikolu 4 tas-seba protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Imbagħad fit-tieni u t-tielet talba rispettivament din il-Qorti qed tintalab sabiex tiddikjara l-proċeduri kriminali msemmija huma llegali u għandhom jitwaqqfu kif ukoll sabiex jingħataw il-provvedimenti opportuni sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Dan juri li l-indaġini tal-Qorti hija marbuta mal-iskrutinju tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubbklika ta' Malta vs Matthew Pace et' fil-konfront tad-deċiżjoni tal-FIAU li mponiet penali amministrattiva mposta mill-FIAU.

Isegwi li l-operat u l-investigazzjonijiet *per se* li twettqu mill-FIAU li wasslu biex finalment ittieħdet id-deċiżjoni li tiġi mposta l-multa mhumiex imressqa għall-iskrutinju tal-Qorti tant li tali Korp mhuwhiex imħarrek bħala parti mill-kawża u naturalment ma tressqet ebda talba dwaru.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tevalwa l-ħtieġa o meno ta' dak mitlub mir-rikorrenti Lorraine Falzon et fit-taħrika ta' xhieda tagħhom tat-8 t'April 2022 sabiex tkun f'qagħda li tiddegreta r-rikors odjern ta' Kenneth Farrugia u Elena Tabone.

Dwar ix-xhieda u d-dokumenti mitluba mix-xhud Kenneth Farrugia il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dawk li ngħad fis-suespost, ix-xhieda tiegħu għandha tkun limitatament marbuta mas-segwenti dokumenti kif elenkati fit-taħrika in kwistjoni –

(ix) **Deċiżjoni tal-FIAU lir-rikorrenti li ġġib id-data t-18 ta' Mejju 2018** – dan sabiex jispjega l-kontenut u fhiex tikkonsisti d-deċiżjoni tal-impożizzjoni tal-multa amministrattiva mill-FIAU;

(x) **Ittra mibgħuta mill-FIAU lir-rikorrenti u li ġġib id-data l-20 ta' Ġunju 2018** – dan sabiex jiġi spjegat il-kontenut tagħha u l-effetti tagħha fuq id-deċiżjoni tal-FIAU tat-18 ta' Mejju 2018;

**(xi) Prova dokumentarja li l-multa mposta mill-FIAU fuq is-soċjeta' rikorrenti tħallset.**

Xhieda minn Kenneth Farrugia dwar il-perjodu preċedenti għall-ħruġ tad-deċiżjoni tal-FIAU tat-18 ta' Mejju 2018 u d-dokumentazzjoni relattiva enumerata minn (i) sa (viii) fit-taħrika tax-xhieda mhijiex ser tiġi awtorizzata mill-Qorti in kwantu ma hijiex meħtieġa għall-fini tal-kawża odjerna. Di piu' lanqas id-dokument indikat (xii) fl-istess taħrika mhu ser jitħalla jiġi prodott stante li dan jirrigwarda lil terzi li huma estranei għall-kawża odjerna.

Jiġi rilevat ukoll li fil-frattemp, it-tlett dokumenti fuq imsemmija u enumerati (ix), (x) u (xi) flimkien ma' dokumenti oħra ġew informalment preżentati mir-rikorrenti fl-atti. Filwaqt li dwar dawk id-dokumenti hemm talba għall-isfilz li ser tiġi trattata separatament fi provvediment appożitu għal rikors datat 20 ta' Mejju 2022, jiġi nnutat ukoll li waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2023, id-difensur tar-rikorrenti vverbalizza li fir-rigward tar-rappreżentanti tal-FIAU kien qiegħed jillimita n-neċessita' tal-istess xhieda biss safejn jirrigwarda l-konferma tal-awtentiċita'/veraċita' ta' dawk id-dokumenti u oħrajn immarkati minn LF1 sa LF 11 esebiti in atti.

Dwar ix-xhieda ta' Elena Tabone, il-Qorti tqis li għar-raġunijiet suesposti hija ġustifikata t-talba tagħha sabiex ma tixhidx dwar l-involviment tagħha u tal-FIAU fl-investigazzjonijiet li saru bir-referenza 474759/16.

Dwar ix-xhieda li l-istess Elena Tabone tat quddiem il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021 fil-kumpilazzjoni kriminali kontra r-rikorrenti jingħad li llum il-ġurnata din ix-xhieda hija diġa' esebita in atti bħala parti mid-dokumenti vera kopja fotostatika prodotti mir-Reġistratur tal-Qorti waqt ix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Mejju 2022.

Madankollu jekk ir-rikorrenti jeħtieġu li Elena Tabone għandha xorta tittella sabiex tikkonferma dik ix-xhieda li hija tat, allura dan jista' jsir.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors ta' Kenneth Farrugia u Elena Tabone tat-22 t'April 2022 billi tilqgħu limitatament kif ingħad f'dan il-provvediment filwaqt li tiċħdu fil-bqija.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**